**21 ta' Marzu, 1985**

**Imħallef: -**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur John Suda)

*versus*

Carmel sive Charles Mizzi

## L-Elementi tar-Reat ta' Approprijazzjoni Indebita

*Ir-reat ta' approprijazzjoni indebita hu reat formali u ma jammettix it-tentattiv.*

Il-Qorti: -

Rat l-atti kkompilati mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja kontra l-imputat Carmel Mizzi fuq l-imputazzjonijiet talli:

1) f'dawn il-Gżejjer fl-aħħar xhur ta' qabel Jannar, 1982, bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, attijiet jew ħwejjeġ mobbli li kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu u ċjoè bħala *Management Duty Officer* fid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili fl-Ajruport ta' Ħal-Luqa jew seraqhom;

2) barra minn dan appropja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddiehor, ċjoè żewġ biljetti ta' l-ajru, magħrufa bħala *Air Malta Club Class*, li jiswew Lm124 l-wieħed, li kienu ġew fdati lilu jew ikkunsinnati lilu minħabba amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu;

3) bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'attijiet esterjuri u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi b'mezzi

kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, ipprova jagħmel qligħ ta' Lm248 liema somma hija l-prezz ta' żewġ biljetti ta' l-ajru hawn fuq imsemmija, għad-dannu tal-Kumpanija Air Malta u ta' Mr. and Mrs. Iorvertta Davies li joqogħdu Fulham, Londra, Ingilterra u dan id-delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipententi mill-volontà ta' l-imputat;

4) barra minn dan, bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku naqas milli jissorvelja biex ma jsirx reat jew minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxih;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tar-Repubblika tal-21 ta' Diċembru, 1984 li biha bagħat l-atti lura lil din il-Qorti sabiex f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputat tiddeċidi fuq il-ħtija taħt dak li hemm maħsub;

a) fl-artikoli 322 u 324(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
b) fl-artikoli 42(1)(a), 322(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
ċ) fl-artikoli 307, 308 u 324(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
d) fl-artikoli 84 tal-Kodiċi Kriminali;
e) fl-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali;

U dana barra kull ċirkostanza oħra;

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Frar, 1984 illi minnu jirriżulta li l-imputat iddikjara illi ma jsibx oġġezzjoni li dik il-Qorti tittratta u tiddeċidi l-każ tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tal-11 ta' Ġunju, 1984 li biha sabet lill-imputat mhux ħati ta' frodi b'għemil qarrieqi u ta' eżerċizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet u għalhekk l-imputat ġie lliberat minn dawn l-imputazzjonijiet u wara li rat l-artikolu 307, 308 u 324(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali; sabet lill-imputat ħati talli approprija ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal terzi persuni, żewġ biljetti ta' l-ajru li jiswew Lm124.50,0 il-wieħed liema biljetti ġew ikkonsinnati lilu sabiex isir minnhom użu speċifikat u li ġew fdati lilu minħabba l-kariga li jokkupa jew minħabba s-servizz tiegħu, però *in vista* tal-fedina penali ta' l-imputat u minħabba ċ-ċirkostantzi speċjali tal-każ in partikolari l-fatt illi l-biljetti effettivament qatt ma ssarfu lliberatu taħt il-provedimenti ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 bil-*kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tnax-(12) il xahar* u *inoltre* bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannat lill-imputat iħallas lir-Registratur ta' din il-Qorti l-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proċeduri u dana fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta dawn l-istess spejjeż jiġu llikwidati u dan kollu wara li dik il-Qorti kkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fit-30 ta' Awissu, 1981 filwaqt li l-imputat kien qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' *Duty Management Officer* mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili fl-Ajruport ta' Ħal-Luqa ippreżentaw ruħħhom lilu żewġ turisti Ingliżi u ċjoè Iorweth Davies u martu Irene Davies. Dawn kienu ġew Malta xi ġimgħat qabel kellhom jitilqu fit-18 ta' Awissu, 1981 però minħabba l-fatt li kien inħareġ mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna kontra tagħhom, huma ma setgħux isiefru fl-imsemmija ġurnata. Sabiex isiefru fit-18 ta' Awissu huma kellhom żewġ biljetti mal-*British Airways* liema biljetti però

kienu skadew peress li ma ntużawx fl-imsemmija data;

Minħabba dan il-fatt il-konjugi Davies xtraw żewġ biljetti oħra, din id-darba tal-Kumpanija "Air Malta", liema biljetti kienu tat-tip "*Club Class*" u jiswew LM124.50,0 kull wieħed. Meta marru l-ajruport fit-30 ta' Awissu, 1981 huma sabu li ma kienx hemm post għalihom fuq it-titjira "*scheduled* " ta' l-Air Malta u għalhekk minħabba li huma ma kienx fadallhom flus u minħabba li Davies kien ħandikappat (*handicapped* ) huma rrikorrew għall-imputat bħala l-*Management Duty Officer* sabiex jgħinhom;

L-imputat Mizzi rnexxielu jsib żewġ postijiet fuq "*chartered flight* " tal-kumpanija "*Medallion Services*" dik il-ġurnata stess, u għalhekk huwa ħareġ il-permessi relattivi sabiex il-konjugi Davies ikunu jistgħu isiefru fuq iċ-*chartered flight* u dan *nonostante* li ma kellhomx biljetti relattivi għall-istess *chartered flight*. L-imputat żamm f'idjeh kemm il-biljetti skaduti u invalidi tal-*British Airways* , kif ukoll il-biljetti li kienu għadhom validi ta' l-Air Malta. Jirriżulta li l-konjugi Davies telqu minn Malta dak inhar stess fuq l-imsemmija titjira *charter* mingħajr ma ħallsu għal dan il-passaġġ u "*on compassinate reasons*";

L-impuat Mizzi min-naħa tiegħu mad-dokumenti relattivi għall-permessi neċessarji sabiex l-imsemmija passiġġieri setgħu jsiefru bl-imsemmija titjira, għaqqad biss il-biljetti li kienu skadew tal-*British Airways* u wara li vverifika li l-biljetti l-oħra ta' l-Air Malta setgħu jissarrfu, żamm dawn l-istess biljetti u sussegwentement permezz ta' terzi persuni dawn l-istess biljetti ġew ippreżentati lill-kumpanija Air Malta sabiex jissarrfu;

F'dan l-istadju huwa importanti li jiġi stabbilit x'inhuma l-proċeduri adottati għal dak li jirrigwardja permessi speċjali sabiex passiġġier ikun jista' jsiefer fuq "*charter flight*" *nonostante* li ma jkollux biljett relattiv għal dik it-titjira;

Mid-depożizzjonijiet tal-Kaptan Wallace Caruana li jokkupa l-kariga ta' *Airport Manager* (fol. 27 sa 30 u fol. 75 sa 78) jirriżulta li f'ċertu ċirkostanzi u taħt ċerti kondizzjonijiet jingħata permess sabiex passiġġieri jitilqu fuq *charter flights nonostante* li ma jkollhomx il-biljetti relattivi u dan jissejħu "*uplifts permits*". Dawn jingħataw jew mill-*Airport Manager* stess, jew f'każ li dan ma jkunx hemm mid-*Duty Managment Officer*. F'dawn il-każijiet huwa neċessarju li l-passiġġier in kwistjoni jkollu raġuni valida u *oltre* l-istess passiġġieri għandu jkollu f'idejh biljett validu. Jekk jingħata dan il-permess il-passiġġier jivvjaġġa mingħajr ma jħallas għat-titjira fuq iċ-*charter* però l-istess passiġġier ikun obbligat li jħalli l-biljett validu li jkollu, f'idejn l-*Airport Manager* jew ir-rappreżentant tiegħu;

Għalhekk jirriżulta li l-imputat Mizzi sal-mument fejn ħareġ l-*uplift permit* favur il-konjugi Davies u ħa f'idejh il-biljetti kemm dawk li kienu skadew kif ukoll dawk li kienu validi ta' l-istess passiġġieri kien qed jaġġixxi regolarment, anzi l-imputat kien obbligat li jieħu fil-pussess tiegħu dawk il-biljetti li kienu għadhom validi;

*In vista* ta' dan ma jirriżultax l-estrem tar-reat ta' frodi b'għemil qarrieqi kif ikkotemplat fl-artikolu 322 tal-Kodiċi Kriminali però jirriżultaw dak ikkontemplati taħt l-artikolu 307 u ċjoè ta' misappropriijazzjoni indebita;

Illi f'dan ir-regward l-abbli avukat Difensur ta' l-imputat issottometta illi la darba l-parti lesa huma l-konjugi Davies, dawn jistgħu jirrinunzjaw għall-azzjoni kriminali u għal dan l-iskop ġiet ippreżentata rinunzja bil-miktub esebita bħala dokument "A" u annessa ma' nota li ġiet ippreżentata fl-1 ta' Frar, 1984;

Il-Qorti però jidhrilha li l-parti lesa f'dan il-każ hija l-kumpannija ta' l-ajru "Air Malta" u dana *in vista* tad-depożizzjoni tal-Kaptan Wallace Caruana minfejn jirriżulta illi l-biljetti validi jinżammu mill-awtoritajiet ta' l-Ajruport appuntu sabiex il-passiġġieri barra li jkunu ħadu t-titjira b'xejn ma jkunux jistgħu jitolbu *refund* fuq il-biljetti validi. Jirriżulta għalhekk f'dan il-każ illi l-konjugi Davies ma kellhomx dritt għal *refund* u l-parti lesa kienet il-kumpanija "Air Malta". Dana jirriżulta wkoll minn kliem l-imputat stess fl-istqarrija tiegħu u ċjoè meta jgħid li huwa għamel il-ħsieb li jżomm il-biljett għalih u dana sabiex jitħallas ruħu b'idejh peress li kellu pretenzjonijiet kontra l-Air Malta u dana lanqas biss kienu irrispondewh għat-talba li kien għamel;

Barra minn dan f'dan il-każ huwa wkoll applikabbli d-dispożizzjoni ta' l-artikoli 308 tal-Kodiċi Kriminali peress illi l-biljetti ġew mogħtija lill-imputat minħabba l-karigi u s-servizz tiegħu u f'tali każ il-pulizija għandha d-dritt taġixxi "*ex officcio*";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati u tirrevokaha għall-kumplament billi tiddikjra l-proċediment eżawrit *stante* r-renunzja tal-parti lesa għar-reat li seta' ġie kommess taħt l-artikolu 307 tal-Kap. 12 u hekk tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet xi provi;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-Qorti ħasbet fit-tul fuq dan il-każ li l-fatti u ċirkostanzi tiegħu huma deskritti tajjeb fis-sentenza appellata u waslet għall-konklużżjoni li ma tistax taqbel mal-konkluzzjoni raġġunta mill-Ewwel Qorti;

L-Ewwel Qorti, l-ewwel ma kellha quddiemha kien akkuża ta' frodi b'għemil qarrieqi bi ksur ta' l-artikoli 322 u 324 (1)(b) tal-Kap. 12. Ta' dan ir-reat dik il-Qorti ma sabitux ħati u lliberatu;

Kellha mbagħad quddiemha skond ir-rinviju finali ta' l-Avukat Ġenerali l-akkuża ta' tentattiv ta' frodi b'għemil qarrieqi bi ksur ta' l-artikoli 42(1)(a), 322 u 324(1)(b) tal Kap. 12. Dan ir-reat l-Ewwel Qorti jidher mis-sentenza almentu li ma ġiex kunsidrat avolja kif hu saput it-tentattiv ta' reat hu reat għalih separat u distint mir-reat tentat. L-Avukat Ġenerali però ma interporra ebda appell f'dan ir-rigward;

Imbagħad l-Ewwel Qorti kellha quddiemha l-akkuża ta' "misapproprjazzjoni" jew "approprjazzjoni bla jedd" aggravat bil-kwalità tal-persuna bi ksur ta' l-artikoli 307, 308 u 324(1)(b) tal-Kap. 12. Dan hu r-reat li tiegħu l-Ewwel Qorti sabet lill-imputat ħati;

L-artikolu 307 tal-Kap. 12 jiddisponi illi ikun ħati ta' approprijazzjoni bla jedd "kull min japproprija ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat'';

Illi bir-rispett kollu dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti din il-Qorti sempliċement ma tistax tara fil-każ in diżamina kif l-imputat jista' jingħad li approprija ruħu bla jedd mill-biljetti imsemmija billi dawwarhom bi profitt għalih jew għal persuna oħra. Veru li ħa pussess tal-biljetti meta jmissu kkonsenjahom lis-Superjuri tiegħu però x'laħaq dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra? Bir-rispett kollu din il-Qorti jidhrilha illi l-imputat kien għadu fil-proċess li jikkompleta l-appropjazzjoni indebita u għakemm kien mexa sew 'il quddiem bil-pjan tiegħu kien għadu ma ottjeniex ir-*refund*. Illi għalhekk *se mai* jidher li *talvolta* kien il-każ ta' tentattiv ta' approprijazzjoni idebita iżda mhux ta' approprijazzjoni indebita. Akkuża ta' tentattiv ta' approprijazzjoni idebita però ma ngħatatx u ma setgħatx tingħata għaliex dan ir-reat billi hu reat formali ma jammettix it-tentattiv. Biljett ta' l-ajru li l-imputat ma setgħax itir bih u li fl-ebda ħin ma sar tiegħu bir-rispett kollu sakemm inkixef kollox kien bla valur, u ma jistax jingħad li l-imputat laħaq dawru bi profitt;

Barra minn dan, jingħad ukoll illi l-Ewwel Qorti kellha ukoll quddiemha skond ir-rinviju msemmi l-akkuża ta' *ragion fattasi.* Din l-akkuża ma tidhirx li ġiet ikkonsidrata fis-sentenza appellata però l-Avukat Ġenerali ma interponiex appell fir-rigward;

F'dan l-istat iseqwi li l-applikazzjoni ta' l-art. 527 tal-Kap.

12 ma tistax tibqa' tissussisti ghax mhux ser ikun hemm kundanna;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha u tirrevokaha fil-parti kondannatorja tagħha u konsegwentement tiddikjara l-imputat appellant lliberat minn kull ħtija u piena.